# Kunsill Lokali Ħal Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404.
Telefon : 21689168, 21641487, 21640290 Fax : 21689796
E-Mail : safi.lc@gov.mt Web Page : www.lcsafi.org


Minuti tas-seduta numru tletin (30) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis, 11 ta' Ġunju, 2009, fis-6:20pm fl-Uffiċċju Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Deputat Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Dr Charmaine Cherret | Avukat |
| | Hector J Spiteri | Investigatur |
| | Eric Debattista | Investigatur |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |
| | Dorianne Zammit | Skrivana |

1. Pietru Pawl Busuttil **ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Is-seduta bdiet billi kien moqri ir-**rapport** magħmul minn Hector Spiteri għall-Kumpanija Busuttil & Micallef wara li dawn ikkonkludew l-investigazzjoni fil-konfront ta' l-eks Segretarju Eżekuttiv għas-snin 2004-2006. Il-konklużjoni ta' dan ir-rapport kienet illi matul dawn is-snin kien hemm €35,510.13 misapproprijati. Hector Spiteri, qal li l-investigazzjoni kienet kompilata mhux fuq l-istatistika għaliex l-ammonti kienu jidhru li ġew mibdula intenzjonalment, iżda fuq dawk imsejħa dokumenti oriġinali (*source documents*).

3. F'dan il-waqt intqal illi jista' hemm Kunsilli Lokali illi għadhom ma ndunawx li kellhom jieħdu ammonti ta' ewros minn ċitazzjonijiet li kienu mħallsa fil-KLĦS u dawn għadhom minn għajrhom. Dwar pagamenti tal-**bolla tal-mara ta' Jason Cutajar,** Jimmy Busuttil staqsa jekk nistgħux nitolbu aktar evidenza dwar dan mill-istess Dipartiment tat-Taxxi Nterni. Hector Spiteri qal li hu kellu evidenza konkreta fuq riċevuta waħda li kien għad ħalla mingħajr ħsieb l-istess eks Segretarju Eżekuttiv fil-KLĦS. Madankollu, huwa kompla jgħid illi l-mod ta' l-investigazzjoni kien holistiku kif mitlub u maqbul ma' l-Ispettur Ivan Cilia li kien se jkun dak li kellu jressaq lill-istess Jason Cutajar il-Qorti, iżda għal xi raġuni l-każ tiegħu għadu ma' bediex jinstema'. Dwar il-fondi misapproprijati, il-kunsillieri qablu li kien hemm qisu *pattern* ta' €5,000 kull sena.

4. L-avukat qalet li fid-dawl ta' dan jista' jew ikun hemm **żieda ta' l-akkużi** li diġa' hemm, jew tinfetaħ akkuża oħra. Dan dejjem fid-deċiżjoni ta' l-Ispettur Ivan Cilia, li se jressaq lil Jason Cutajar, issa kważi sena wara, minkejja li hija se tagħmel insistenza illi tressaq aktar 'il quddiem il-każ. L-avukat qalet li din il-kawża hija f'idejn il-Maġistrat Edwina Grima u peress li s'issa għadha lanqas infetħet (għax ma nqratx), hija għadha ma tafx il-gravita' tagħha. Dwar il-liġi tal-preskrizzjoni, l-avukat qalet li ġaladarba din hija offiża kriminali, il-perjodu jibda' jiddekorri meta l-KLĦS induna b'dan il-każ. Dan ifisser li jekk jinstab li kien

hemm misapproprijazzjoni ta' finanzi tal-Kunsill ta' għaxar snin ilu u diġa' fil-fatt għaddew għaxar snin, dawn jibdew jgħoddi minn Novembru, 2008, meta l-Kunsill induna b'dan.

5. Eddie Bonello qal li huwa tal-fehma li mingħajr l-ebda diżrispett, dan ir-rapport għandu jgħaddi mill-ewwel lil Pulizija minkejja li huwa konxju li bħala Kunsill Lokali aħna għandna nwieġbu direttament lid-Direttur Gvern Lokali u għalhekk għandna ngħaddulu kollox. Fi tmiem il-laqgħa kien deċiż li ngħaddu ***silent copy* lill-Ispettur Ivan Cilia ma dik tad-Direttur.**

6. L-avukat kompliet illi ġaladarba Jason Cutajar ħallas, huwa diġa' fil-fatt wera ammissjoni u inkrimina ruħu. Għad dubji ta' bosta mill-kunsillieri kemm dan se jkun f'pożizzjoni illi jħallas il-kumplament tal-fondi, il-Kunsill qed jikkunsidra illi jiftaħlu **kawża ċivili** (ex-uffiċċio; jiġifieri indipendenti minn dik tal-pulizija) li hija differenti minn dik tal-Pulizija. Tali kawża trid tidher bil-fors quddiem l-Imħallef għaliex is-somma taqbeż il-Lm5,000. Dwar stima biex il-Kunsill ikun jaf kemm tiġi tiswa kawża bħal din, l-avukat qalet li trid tivverifika qabel ma tagħti l-informazzjoni.

7. Dwar il-fatt li l-Ispettur Cilia jista' jżid l-akkuża/i, l-avukat qalet li dan huwa ta' vantaġġ għall-KLĦS, għax Jason Cutajar se jiġi **kkunsidrat illi qisu għadu ma ħallas xejn**, minkejja li tħallsu partijiet minn din is-somma.

8. Għaldaqstant kien deċiż illi l-avukat tikteb ittra lilu (u mhux lill-Avukat tiegħu għaliex dan għadna ma nafuhx uffiċjalment minkejja li ssemma' b'ismu) billi titolbu uffiċjalment l-ammonti indikati fir-rapport, li jkunu irritornati lilna fi żmien tminn t'ijiem jew ta' l-inqas jirrispondi għalihom, imbgħad jekk jintalab kopja ta' dan ir-rapport mill-avukat tiegħu, dan għandu jingħatalu aktar tard. Kien hemm ukoll min semma' li għandu jsir **impediment ta' partenza, mandat ta' sekwestru, inibizzjoni jew qbid**, fuq il-persuna ta' Jason Cutajar. Dwar dan l-avukat qalet li hemm bżonn li jsiru ir-riċerki għaliex peress li huwa jaħdem, jistgħu jinqabdulu ammont ta' flus mis-salarju tiegħu, f'każ li nfittxuh ċivilment.

9. L-iskrivana qalet illi kemm-il darba jkun deċiż illi tinfetaħ is-sena 2003, jidher li għal dik is-sena għandna **r-riċevuti fil-Kunsill**.

10. L-avukat qalet li issa l-**affarijiet iggravaw** aktar u għaldaqstant Jason Cutajar minkejja l-ammissjoni (li s-Sindku qal li skond l-Ispettur Cilia, għadu qatt ma sab lil xi ħadd li għamel xi ħaġa simili minn kemm ilu fil-korp) li għamel fil-bidu, billi ħallas parti minn dawn il-fondi, jista' jasal biex imur anke priġunerija.

11. L-avukat kif ukoll l-Investigaturi telqu mil-laqgħa fis-19:30pm.

12. Kienu kkunsidrati l-**minuti tas-seduta preċedenti.** Dawn surulhom il-korrezzjonijiet li kien hemm bżonn, kif jidher bil-linka fuq il-kopja oriġinali u kienu approvati.

13. Il-KLĦS kien infurmat li l-**Uffiċjal Awtorizzat** fil-Kumitat Konġunt taż-Żurrieq, jinsab f'qagħada kritika fit-taqsima tal-kura intensiva fl-Isptar Mater Dei wara aċċident sfortunat.

14. L-appuntament li konna tlabna ma' l-**Onor Clyde Puli**, ingħata għal nhar id-19 ta' Ġunju, 2009, fl-10.30am, ġewwa l-bini magħruf bħala taċ-Ċentru Ħidma Soċjali. Matul din il-laqgħa is-Sindku u DSE hu maħsub li jittrattaw dak kollu li kien diskuss fil-laqgħa pubblika li l-minuti tagħha jinsabu ħaġa waħda mal-minuti tas-seduta preċedenti peress li nżammet fl-istess ħin u ġurnata.

15. Nhar it-18 ta' Ġunju, 2009 fl-10:00am l-KLĦS se jiltaqa' ma' uffiċjali tal-**MEUSAC** fl-uffiċċju tagħna stess kif kien mixtieq mill-kunsillieri waqt laqgħat preċedenti. Dan se jsir ħalli jkunu kklarifikati xi punti.

16. Kienet miġbuda l-attenzjoni tal-Kunsill li s-sidien tat-***Tower Crane*** li huwa armat wara l-Knisja qed joperawh mingħajr permessi. Għal dan il-għan kien deċiż sabiex jintbgħat gwardjan lokali ħalli jwaqqaf l-operat sakemm dawn jiġu jħallsu.

17. Sar l-***ispot check*** **fuq l-għalliem tal-kors tal-ġinnastika** kif kien deċiż li jsir fis-seduta preċedenti. Fil-fatt kemm is-Sindku u anke d-Deputat Sindku, għoddew madwar għoxrin persuna u l-għalliem stqarr li kellu madwar sitta li kienu neqsin. Minkejja dan, hu qal li l-lista ta' l-attendenza dak in-nhar ma kienetx fuqu u jidher li hemm diskrepanza mit-tmintax (u issa dsatax) li kellhom l-iskrivani reġistrati, minkejja li l-ebda *commission/administration or handling fee,* ma tinżamm mill-Kunsill. Ma dan l-għalliem il-Kunsill m'għandu l-ebda ftehim formali u l-ewwel se nippruvaw nieħdu kopja ta' riċevuta li ħareġ hu, imbgħad jiġi msejjaħ waqt laqgħa tal-Kunsill ħalli jkunu klarifikati xi punti.

18. Għal darb'oħra kienet interrotta l-laqgħa tal-Kunsill billi f'dan il-mument daħal is-Sur Joe Pace biex jitkellem fuq it-**taħriġ tal-futbol**, kif wara kollox kien suġġerit li jsir fil-laqgħa pubblika minn ġenituri tat-tfal. Il-ħsieb wara dan kollu kien illi t-tfal li huma ħierġin mit-taħriġ professjonali li qed jingħata mill-*coaches tan-nursery*, jibqgħu integrati fostna anke wara li jagħlqu it-tlettax-il sena.

19. Joe Pace qal li l-fatt li **ma jeżistix *Parents' Club***, ifisser li qisu m'għandna xejn. Hu għalhekk importanti illi l-KLĦS japplika mal-**Malta Football Association** (MFA) biex jibdew dawn il-proċeduri ħalli jsir dan. Huwa qal li ċertu Joe Gauci miż-Żurrieq li nistgħu nikkomunikaw miegħu fuq 21222697, żgur li jkun lest li jgħinna. Iżda l-akbar uġiegħ ta' ras huwa l-post fejn hu ttamat li jkun jista' jiltaqa' dan il-kumitat. Probabbli laqgħa għall-ġenituri tkun utli bil-bosta u kien deċiż li din tingħata promozzjoni waqt il-laqgħa li se ssir nhar l-Erbgħa, 17 ta' Ġunju, 2009, magħrufa bħala **l-*End of Season Gathering* tan-Nursery**. Jimmy Busuttil qal li min se jieħu dan l-inkarigu jrid ikun lest li jattendi kull jum u mhux jidher biss għal xi laqgħa ta' dan il-kumitat. Għalhekk irid ikun hemm impenn ġenwin minn naħa ta' dan il-kumitat biex jirnexxi.

20. Hekk kif telaq mill-laqgħa is-Sur Joe Pace, kompliet il-laqgħa tal-KLĦS billi kien hemm osservanza li hemm bżonn li ssir **qanpiena mal-bieb ta' barra**. Din kienet proposta mill-Viċi Sindku.

21. Kien innotat ir-restawr li sar fuq l-**Orgni tal-Knisja**, u s-sindku kellu l-opportunita' li jmur jisimgħu jaħdem mill-ġdid.

22. Dwar ir-rapport provdut lilna minn Sterling Security fuq l-ammont ta' **kontravenzjonijiet li ingħataw fi Triq il-Kuċċard**, biswit il-*bring-in-site* permezz tas-cctv *cameras*, Dorianne Zammit qalet li kien hemm numru li tħallsu. Pero' biex naraw kemm se tkun sostenibbli irridu nibdew nirċievu l-ewwel kontijiet tas-servizz minn din il-kumpanija li għadha qatt ma bagħtet wieħed. Dan minkejja li diġa qed inħallsu għall-elettriku u l-internet biex topera s-*CCTV camera.*

23. Komunikat kien indirizzat lil ***Waste Serv Malta Ltd,*** biex naraw jekk hix lesta li tidħol għall-ispejjeż ta' cctv camera li hemm il-ħsieb li tibda' tiġbed l-imaġini ta' kull min jabbuża maġenb il-*bring-in-site*, jiġifieri dik ta' Triq il-Qerd in-Naħal kantuniera ma Triq ta' Ġawhar. Dan wara li kien hemm sindku ta' raħal ieħor li ppropona li ġaladarba dawn ir-reċipjenti ta' l-iskart huma ta' din il-kumpanija, din għandha twettaq ukoll sorveljanza biswit dawn il-kontenituri.

24. Il-KLĦS kiteb lil aġenzija ***Heritage Malta*** sabiex jistaqsihom jekk għandhomx ħaddiema kompetenti jew kuntratturi tagħhom li huma kapaċi li jwettqu restawr. Dan bil-ħsieb illi jsir ir-restawr fuq in-niċċa ta' San Ġużepp.

25. Għadna mingħajr risposta għat-talba li għamel il-Kunsill, jiġifieri jekk hux suppost li jitla' ***hoarding wall*** madwar sit li tkun fil-fażi ta' kostruzzjoni u f'każ li dan ikun parti mill-permess, jekk il-Kunsill għandux dritt jitlob kumpens fil-permess bħal ma hu dak ta' materjal impoġġi fit-triq.

26. Dwar il-**lampi tat-toroq il-ġodda** fi Triq Dun Karm Lia, fil-fatt l-arbli kienu diġa mwaħħlin u lesti u kien jonqos li ngħaddu l-wire, minkejja li dan se jżid ftit l-ispejjeż għaliex skond *Nexos Street Lighting* il-wire jitkejjel bil-€2.91-il metru. Dwar id-dawl fejn il-borehole ta' Ġawhar qalb l-għelieqi, is-Sindku qal li jinħtieġ li jitwaħħal arblu ieħor. Il-Kunsill se jgħaddi l-linji ta' l-elettriku għax huwa mportanti minħabba li anke hawn jgħaddu ħafna nies.

27. Is-Sindku spjega lill-kunsillieri illi fejn **iċ-ċimiterju** diġa' hemm lanterni biżżejjed jixgħelu. Is-Sindku qal li issa tfajna l-illuminazzjoni fejn l-aktar li kienet tinħtieġ, jiġifieri fiċ-ċimiterju nnifsu.

28. Dwar il-proposta *banner* tal-KLĦS, wara li kien konfermat li Gauci Borda ma jagħmilhomx, il-Kunsill **approva dik ta' AF Sign Studio.** Fil-jiem li ġejjin se tintbgħat l-ordni għax-xogħol.

29. Dwar il-proposta **manutenzjoni fuq il-bitħa ta' l-iskola** mill-Kap, saret żjara mill-Viċi Sindku u l-kunsillier Francis Callus u l-ispiża mhix ikkalkulat li taqbeż il-€500. Madankollu se nistennew stima mid-dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

30. Ma kienetx approvata l-istima li tana Polidano Bros ta' **asfaltar tal-isqaq tal-Karwija.** Dan wara li l-Kunsill ħa l-parir tas-Sur Philip Bugeja peress li dan l-isqaq jinħtieġ li jingħatalu lant sħiħ. L-istima tammonta għal €42,000. Il-Kunsill hu tal-parir li jistenna stima oħra minkejja li għandu tender ma dan il-kuntrattur li ilu jaħdem biha madwar għaxar snin – għalhekk skaduta. Sadanittant se nagħmlu talba formali sabiex dan l-isqaq jidħol għalih il-Gvern Ċentrali biex isostni l-biedja f'pajjiżna peress li dan jintuża minn diversi gabillotti.

31. Se tintalab stima ta' **kotba ta' riċevuti** sabiex dawn jibdew joħorġu kif suppost. Id-DSE qal li l-aħjar li jsiru in triplicates ħalli jkun hawn *filing* kif suppost u fl-istess ħin, kopja minnhom tibqa' annessa mal-kotba innifishom għall-verifika ta' udituri. Ovvjament l-oriġinali tingħata lill-individwu.

32. Kienet moqrija l-ittra ta' Dorianne Faenza tad-29 ta' Mejju, 2009 li tixtieq li jitneħħa l-***bus stop*** u jimxi aktar lejn tal-Confectionery fi Triq iż-Żurrieq. Il-KLĦS ma jaqbilx u mhux se jitlob lill-awtoritajiet biex isir dan.

33. Dwar l-oġġezzjoni ta' Olivia Sammut, reġa' kiteb l-***Ombudsman***. Il-Kunsill se jerġa' jwieġeb illi l-*yellow line* huwa twil kemm suppost minkejja li l-kunsillier Francis Callus qal li għandu d-dubju tiegħu dwar it-tulijiet mhux indaqs ta' *yellow lines* oħra fil-kantunieri f'dawn l-inħawi.

34. Ittra oħra minn John Demanuele kienet dwar oġġezzjoni minn **antenni tat-telefonija ċellulari viċin il-Pjazza tal-Knisja**. Id-DSE qal li f'dawn il-każijiet il-Kunsill għandu biss funzjoni konsultattiva u mhux deċisiva kif fil-fatt konna ktibna lis-Sur Demanuele. Fuq il-Kunsill hemm l-Awtorita' tal-Komunikazzjoni li hija responsabbli mill-*electromagnetic waves* li jittrasmettu dawn l-antenni. Il-Kunsill se jerġa' hekk iwieġeb lil dan l-individwu.

35. Dwar il-kont tat-tarmak, il-Kunsill approva €10,000 oħra minnu għaliex sakemm il-kumplament tax-xogħol jiġi rranġat, mhux be ħsiebu jħallas il-kont kollu lil kumpanija Polidano Bros. Din il-**manutenzjoni** kienet saret fi tmiem l-istaġun tax-xitwa bil-*hot asphalt* biex ma jkunx hemm biża' li se jidħol ilma tax-xita minn taħt u jeqred it-toroq. Issemmew diversi postijiet fejn irid jitranġa dan it-tarmak speċjalment dak fi Triq l-Ibraġ fejn Eddie Bonello qal li anke saħansitra jista' jidħol l-ilma fid-djar minħabba l-qlib ħażin li għandu. Il-kont ta' Polidano Bros huwa €200 inqas minn dak tal-Contract Manager Robert Musumeċi u dan ilaħħaq għal €38,959.39 inkluż il-Vat u l-Contract Management fees. Ma dawn iridu jingħaddu l-1% lil Perit Robert Musumeci.

36. Il-Kunsill kien infurmat li għas-***Summer School*** hemm konkorrenza ġmiela ta' għalliema li jixtiequ li jkunu parti mit-tim kif ukoll madwar tmenin student li jixtiequ jattendu. Dwar l-għażla ta' l-għalliema, dawn għandhom jibgħatu cv tagħhom u jiġu magħżula f'laqgħa tal-Kunsill. Imbgħad ikun imiss li navżaw lil Kap ta' l-Iskola bl-intenzjoni tagħna ħalli nkunu nistgħu nużaw madwar erba' klassijiet.

37. Kienet innotata k**arozza ħamra abbandunata** fi Triq iż-Żurrieq. Din għandha in-numru JAR 834 u ilha madwar xahar tieħu spazju utli ta' vetturi oħra. Din se tingħata ftit ieħor ċans wara li l-karta ta' twissija qalgħuhiela, u fl-eventwalita' li din tibqa' hemm, din se tkun ittowjata.

38. Kienet innotata persuna li l-Kunsill għandu suspett li din hija assoċjata mat-**tqassim tad-drogi fir-raħal.** Aktarx dan it-tali qed juża ir-rota bħala trasport. Dan se jkun irrappurtat lill-pulizija wara li jinġieb aktar tagħrif fl-uffiċċju.

39. Fi tmiem il-laqgħa reġa' semma' l-każ ta' l-Eks Segretarju, mill-kunsillier Jimmy Busuttil. Huwa qal li mhux kontra illi l-KLĦS jinvestiga s-sena 2003, iżda l-ewwel għandna nistennew x'se tkun ir-risposta ta' Jason Cutajar wara li tkun kitbitlu l-avukat. Hawn intlaħaq qbil li ta' l-inqas **nitolbu stima lill-Busuttil & Micallef** ħalli jaraw x'hinuma l-ispejjeż ta' l-investigazzjoni għas-sena 2003. Imbgħad immexxu minn hemm. Sadanittant il-kont ta' din il-kumpanija għas-snin 2004-6 laħaq l-ammont ta' Lm2,000.54.

40. Kienet approvata l-***Payment Approval Sheet*** numru 22.

41. Il-laqgħa ntemmet fl-10:30pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 23/6/09 minn Pietru Pawl Busuttil
Deputat Segretarju Eżekuttiv — Sindku